MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 273/2013

**Appell Numru: 273/2013**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maria Stella Attard]**

**Vs**

**Calcedonio Attard**

Illum, 19 ta' Frar, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Calcedonio Attard, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 302858M talli:
Fil-perjodu ta' bejn l-14 ta' Mejju, 2012 u t-22 ta' Mejju, 2012 f' dawn il-Gzejjer:
1. Gieghel, halla jew ippermetta l-vettura EBK-879 tinstaq minn Bernard Attard, persuna li ma kelliex licenzja

tas-sewqan mehtiega mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta biex isuq l-imsemmija vettura.
2. Gieghel, halla jew ippermetta lil Bernard Attard isuq vettura Nru: EBK-879 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji tat-terzi persuni.
Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sweqan ghal-perjodu taz-zmien ta' mhux inqqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Mejju, 2013, fejn il-Qorti illiberat lill-akkuzat mill-ewwel (1) akkuza, sabet lill-imputat hati tat-tieni (2) akkuza u kkundannat ghal-hlas ta' Multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Calcedonio Attard pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel akkuza, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f'dik il-parti fejn sabithu hati tat-tieni akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, u subordinatament f'kaz illi din il-Qorti ssib lill-appellant hati, timmodifika l-piena nflitta in kwantu dak referibbli ghall-iskwalifika tal-licenzja ghal zmien tnax il-xahar, u minfklok tirrevoka l-istess skwalifika.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, il-fatti m'humeix dawk prospettati mill-prosekuzzjoni ghaliex mhux minnu li l-appellant kkommetta r-reati addebitati lilu, wisq anqas l-istess reati gew ppruvati sal-grad rikjest fil-ligi. L-istess reati huma ta' indoli penali u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha, bid-dovut rispett tipprova l-istess addebiti fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Mill-assjem tal-

provi pordotti mill-prosekuzzjoni kien jirrizulta ampjament car li ma ngabet ebda' prova in sostenn ghall-akkuzi odjerni.

L-appellant isqasi f'dan l-istadju, x'kienu effettivament il-provi migjuba kontra tieghu? L-affidavits tal-Pulizija huma fin-natura taghhom prova detto del detto u konsegwentement mhux ammissibbli bhala prova.

Illi oltre u minghajr pregudizzju, l-appellant meta xehed, kif ukoll it-tifel tieghu Bernard Attard, cahdu kategorikament li l-vettura kienet qed tigi misjuqa minn Bernard Attard. Ghal kuntrarju, l-appellant xehed li dakinhar meta waqfet il-vettura bil-hsara kien propju hu likien qed jghamel uzu mill-istess vettura akkumpanjat mit-tifel tieghu Bernard Attard. In oltre, l-kwerelant meta mistoqsi wkoll irriafferma li huwa personalment ma kienx ra okkularment lill-istess Bernard Attard isuq il-vettura, ghajr li xehed li kien Bernard Attard li cempillu u nfurmah li l-vettura kienet bil-hsara. Bir-rispett dovut, il-fatt li Bernard Attard ikkomunika mal-kwerelant dwar il-hsarat tal-vettura u l-fatt li Bernard Attard kien qieghed fit-Triq bil-vettura wieqfa bil-hsara, fiha nnifisha mhix prova konklussiva ta' sewqan ta' vettura. Illi l-appellant umilment jissottometti illi qatt ma seta' jinstab hati tal-akkuzi hekk kif dedotti u dana stante illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex bizzejjed provi quddiemha biex tasal ghall-prova li trid il-ligi fil-kamp kriminali – u cioe' prova in mankanza ta' dubju ragonevoli (proof beyond reasonable doubt).

2. Illi fit-tieni lok, mill-assjem tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, jirrizulta wkoll li apparti li ma ngibitx il-prova sal grad rikjest mill-ligi, ix-xhieda ta' Lucienne Zammit, mart l-istess kwerelant kienet ukoll fic-cirkostanzi kollha xiehda inveritiera ghal-ahhar kif ukoll holqot, fil-katina tal-provi prodotti, kunflitt fl-istess provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Din tixhed billi tghid li dakinhar meta waqfet il-vettura (cirka 18.30hrs) qabel dan il-hin hija kienet ukoll innutat lil Bernard Attard isuq l-istess vettura gewwa Haz Zebbug. Fl-istess nifs, meta mistoqsija in kontro ezami kif setghet gharfet lilu, hija tghid li kienet ratu minn wara u peress li kien fid-dlam kienet irrikonoxxietu

peress li kien hemmid-dawl wara t-tabella tal-hanut taghhom f'Haz Zebbug mixghula u b'hekk gharfithu. L-appellant isaqsi, jekk il-vettura kienet waqfet gewwa Bugibba ghall-habta tas-18:30hrs fix-xahat ta' Mejju li f'dan il-hin, f'dan iz-zmien tas-sena, ikun ghadu ma dalamx, kif Lucienne Zammit tispjega li kienet osservat lil Bernard Attard f'hin precedenti u effettivament gharfithu ghax kien hemm id-dawl tat-tabella jixghel? Jidher illi jekk kien hemmxi hadd mhux kredibbli u attendibbli, kienet propju l-istess Lucienne Zammit.

Illi del resto, gew esebiti wkoll prova ta' kontravenzjonijiet li sehhew tul il-kirja tal-vettura, li anke dawn, fihom infushom ma joholqu ebda' stat fil-konfront tal-appellant versu l-imputazzjonijiet addebitati lilu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-appellant jirrileva li s-sanzjoni tal-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan hija wahda eccessiva. Ix-xoghol tieghu huwa bhala car dealer bil-gestjoni tan-negozju ta' showroom gewwa Haz Zebbug u huwa propju b'dan il-mod li l-appellant jaqla' l-ghejxien ghalih u ghall-familja (lkoll dipendenti fuqu) tieghu. Ix-xoghol u d-dhul huwa indispensabbli ghalih u ghall-familja tieghu. Minghajr dan, ikun hemm kroll totali tal-istruttura tal-familja tieghu. Ic-cirkostanzi tal-kaz odjern huma tali li ghandhom jattiraw temperament f'tali sanzjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien kera karozza Kia Piccanto bin-numru ta' registrazzjoni EBK 879 minghand is-socjetà Xajen Car Hire and Leasing fil-perjodu ta' bejn l-erbatax (14) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012). F'xi hin din il-vettura giet f'idejn iben l-appellant Bernard Attard. Il-karozza waqfet hdejn il-Gillieru u Bernard cempel lil sid il-karozza Ivan Zammit biex jigi ghaliha. Dana mar u vicin il-karozza sab lil Bernard li qallu li l-karozza kienet f'idi. Irrizulta li l-karozza kellha hafna hsarat kawzati bi traskuragni u negligenza waqt is-sewqan. Lucienne Zammit, il-mara ta' Ivan xehedet illi dakinhar rat il-karozza EBK 879 tigi misjuqa

b'mod goff b'hafna rejzjar u twerziq ta' roti u brejkijiet. Staqsiet lir-ragel taghha lil min kien kera l-karozza u dana qallha illi kien kriha lil certu Calcedonio Attard. Wara xi ftit rat l-istess karozza wieqfa hdejn il-Gillieru u magenbha bilqieghda fuq il-bankina kien hemm persuna illi identifikat ruhha bhala Bernard Attard. Dan qalilha illi hu kien biha meta waqfitlu u ma kienx jaf ghaliex. L-appellant Calcedonio Attard xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma illi huwa kera l-vettura minghand Xajen Garage ma kienx avzat illi kien hemm limitazzjonijiet ghall-persuni illi setghu jsuqu l-karozza. Dana ilghaliex, skont hu, Ivan Zammit il-proprjetarju tal-garaxx ma qralux il-kuntratt. Fl-ahhar l-appellant ammetta illi huwa halla l-vettura f'idejn ibnu Bernard u li meta waqfet kien ibnu Bernard qed isuqha.

Ikkunsidrat:

Id-Difiza fit-trattazzjoni taghha quddiem il-Qorti tal-Appell kellha tbiddel id-difiza sforz ix-xhieda tal-appellant quddiem il-Prim' Istanza u anki fir-rikors tal-appell. Id-Difiza kienet sostniet illi ma kienx Bernard Attard illi kien qed isuq il-vettura. Izda quddiem din il-Qorti l-appellant ammetta car u tond illi kien minnu illi halla l-vettura f'idejn ibnu. Ghalhekk id-difiza tbidlet u gie argumentat illi peress illi l-appellant ma kienx jaf x'kien fih il-kuntratt, ma kellux il-mens rea u ma kellux ebda mezz ikun jaf illi ma setax ihalli l-vettura f'idejn ibnu.

Ikkunsidrat:

Dan l-argument, f'cirkostanzi bhal dawn ma jistax jirnexxi. Il-kuntratt mhuwiex "in issue". L-appellant ha vettura minghand Xajen Garage proprjetà ta' Ivan Zammit li fuqha kien hemm certa restrizzjonijiet u bhala "bonus pater famiglia" l-appellant kien fl-obbligu illi jara l-kundizzjonijiet tal-kirja. Kien sforz in-negligenza jew traskuragni tieghu illi dan m'ghamlux. Ghal persuna fil-mestjier tal-karozzi, din il-Qorti tiskanta kif haga bhal din harbitlu peress illi hija prassi komuni fin-negozju tal-car hire illi certa etajiet huma ipprojbiti milli jsuqu karozzi. L-appellant ma jistax issa jiehu vantagg minn dan in-nuqqas tieghu. Irrizulta ukoll illi iben l-appellant ma kellux l-età sabiex isuq il-karozza

inkwistjoni u ghalhekk konsegwentement ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghal dak li jirrigwarda l-piena, zkwalifika tal-licenzja hija mandatorja u l-ewwel Qorti ghamlet sew meta imponietha.

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qieghed jargumenta illi fix-xoghol tieghu bhala car dealer bil-gestjoni ta' negozju ta' showroom gewwa Haz-Zebbug fejn minn hemm jaqla' l-ghajxien tieghu u tal-familja, is-sewqan tal-karozza huwa indispensabbli ghalih. Din il-Qorti targumenta illi persuni illi jiddependu mis-sewqan ghax xoghol taghhom imisshom ikunu altru milli attenti illi josservaw id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku, inkluzi dawk tal-assikurazzjoni. Aktar u aktar messu l-appellant kien jaf illi meta se jhalli l-vettura f'idejn ibnu kien sejjer jirrikorri ghal xi sanzjoni tal-ligi. Ghalhekk hawn ukoll issib illi l-ewwel Qorti ghamlet sew meta imponiet l-iskwalifika. Mill-bqija din il-Qorti m'ghandha xejn x'ticcensura fl-argumenti u l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta'u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------